KUNSILL LOKALI ISLA

IR-RABA' KUNSILL

LAQGĦA NUMRU DSATAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju, 2003 fis-1.00pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

Din il-laqgħa ġiet imsejjħa b'urġenza mis-Sindku Joseph Casha speċifikament u minħabba li kien hemm nuqqas ta' qbil dwar l-andament tal-programm ta' entertainment li kellu jittella fi Ġnien il-Gardjola nhar il-Ġimgħa 9 ta' Mejju 2003 bħala parti miċ-ċelebrazzjoni ta' Jum l-Isla. Minħabba l-urġenza ta' din il-laqgħa ma' tressqux il-Minuti tal-laqgħa Numru 18 kif ukoll il-kommunikazzjoni mis-Sindku.

AĠENDA

1) Programm ta' Entertainment

## 19 (1) Programm ta' Entertainment

19.(1).1 Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li l-ġurnata ta' qabel l-Erbgħa 7 ta' Mejju 2003 l-Kunsillieri kienu ltaqgħu nformalment biex jiflu proposta ġdida għall-programm ta' Entertainment għal nhar il-Ġimgħa 9 ta' Mejju 2003.

19(1).2 Is-Sindku stqarr li din il-laqgħa saret minkejja li l-programm ta' entertainment kien diġa ġie approvat fil-qafas ta' programm ta' attivitajet għal Jum l-Isla.

19(1).3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li billi f'din il-laqgħa (tas-7 ta' Mejju, 2003) ma' ntlaħaqx consensus fuq il-programm definit dwar dan l-entertainment ġie deċiż li ssir laqgħa formali tal-Kunsill l-għada l-Ħamis 8 ta' Mejju 2003 fis-1.00pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Isla.

19(1).4 Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 7 ta' Mejju 2003 kien suġġerit mill-Kunsillier Charmaine Gerada biex il-kantanta Chiara tiġi mdaħħla fil-programm ta' entertainment indikat.

19(1).5 Wara diskussjoni li saret bejn is-Sindku Joseph Casha u l-Kunsillier Charmaine Gerada kien jidher li l-kantanta Chiara kienet lesta li tagħti s-servizz tagħha b'xejn minħabba li l-budget għal dawn l-attivitajiet kien wieħed limitat.

19(1).6 Kien hemm diskussjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' Chiara f'dan il-programm ta' attivitajiet minħabba li l-programm kien diġa lest u approvat.

19(1).7 Il-Kunsillier Charmaine Gerada stħaqqet li għalkemm il-programm ta' attivitajiet għal Jum l-Isla kien approvat en block, il-Kunsill qatt ma' ddiskuta fid-dettal kif sejjer ikun dan il-programm ta' entertainment u min kien ser jieħu sehem. Hija qalet li 'lejla Maltija" ma' kienitx qiegħda tifhem li sa jkun hemm entertainment.

Kien biss il-ġurnata ta' qabel ta' din il-laqgħa, meta l-Kunsillier Charmaine Gerada saret taf li kien ser ikun hemm l-entertainment, u kien għalhekk li kienet qed tressaq din il-proposta tagħha dwar Chiara.

Hija stqarret li la darba l-Kunsill qatt ma' ddiskuta u approva fid-dettal il-programm ta' entertainment hija kellha kull dritt li tipproponi lil Chiara hekk kif saaret taf dwar il-programm ta' entertainment. Is-Sindku qal li l-Kunsillier Charmaine Gerada kellha ħin biżżejjed biex tagħmel proposti ġodda. Qal ukoll li fil-programm ma' hemm ħadd mill-kantanti jew żeffiena li huma stabbiliti.

19(1).8 Il-Kunsillier Charmaine Gerada qalet li hemm oġġezzjoni li Chiara tieħu sehem f'dan il-programm ta' entertainment minħabba li din il-kantanta kienet involuta u pparteċipat f'attivitajiet ma' partit politiku. Il-Kunsillier Reno Chircop staqsa lill-Kunsillier Charmaine Gerada jekk Chiara tiġi mistiedna terfgħax ir-responsabbilta ta' dak li jista jiġri. Dażgur li le, għax għandhu jkun hemm l-iknwiet ?. Ġie mfakkar ukoll x'kien ġara waqt attivita' fi Ġnien il-Gardjola meta kien haawn delegazzjoni minn Cassino.

19(1).9 Għalhekk kien ikun aħjar li Chiara ma' tiġix inkluża fil-programm ta' entertainment.

19(1).10 Billi ma' kienx jidher li kien jista' jintlaħaq consensus il-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar ippropona li l-programm ta' entertainment ta' nhar il-Ġimgħa 9 ta' Mejju 2003 fl-Attivita' Lejla Maltija, jibqa kif inhu u kif ġie ppjanat.

19(1).11 Reġa kien hemm diskussjoni dwar dan, minħabba li ma' ntlaħaqx consensus.

19(1).12 Il-Kunsillier Reno Chircop stqarr li biex jintlaħaq consensus kien qed iressaq mozzjoni biex il-programm ta' entertainment għal nhar il-Ġimgħa 9 ta' Mejju 2003 jiġi mħassar. Il-Kunsillier Charmaine ssekondat din il-mozzjoni.

19(1).13 Is-Sindku ressaq din it-Tieni mozzjoni għall-voti. Din il-mozzjoni ma' ġietx approvata bi tlett (3) voti Le u tnejn (2) Iva.

Il-votazzjoni kienet hekk :
Le : - Joe Casha, Mario Mizzi, Walter Ahar.
Iva : - Reno Chircop, Charmaine Gerada.

19(1).14 Il-Kunsillier Charmaine Gerada kklarifikat l-Iva tagħha u esprimit li qed tivvota favur li ma' jsirx dan il-programm minħabba li l-kantanta Chiara li s-soltu tiġi mistiedna fiProgrammi mtella mill-Kunsill, din id-darba l-Kunsill irrifjuta s-sehem ta' Chiara minkejja li hija offrit is-servizzi tagħha b'xejn peress li l-Kunsill Lokali mhux f'qagħda li joħroġ flus aktar.

19(1).15 Is-Sindku Joseph Casha ressaq il-mozzjoni l-oħra għall-voti mressqa mill-Kunsillier Maario Mizzi ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar biex il-programm ta' attivitajiet jittella skond kif ġie approvat.

Din il-mozzjoni ġiet approvata bi tlieta (3) Iva u tnejn (2) Le.

Il-votazzjoni kienet hekk :
Iva : - Joe Casha, Mario Mizzi, Walter Ahar.
Le : - Reno Chircop, Charmaine Gerada.

19(1).16 Is-Sindku Joseph Casha ikkjarifika l-vot tiegħu billi qal li huwa vvota favur li l-programm jibqa' kif inhu minħabba li huwa ġie mgħarraf jumejn (2) qabel ta' programm biex isir tibdil fil-programm meta kull Kunsillier kellu għad-dispo'izzjoni tiegħu il-programm kollu fil-laqgħa ta' l-Kunsill li saret fil-25 t'April 2003.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-2.05pm b'dan l-item fuq l-agenda.
Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________

______________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha Alphonse Zammit
Sindku Segretarju Eżekuttiv